# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 25

Il-Ġimgħa 18 ta' Ġunju 2021

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | - Sindku |
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

**18 ta' Ġunju 2021**

Is-Sindku Dr. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 25.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**25.1.01** n/a

## 25.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-24.

**25.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 24 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**25.3.01** Stedina lis-Sindku mill-Eċċellenza Tiegħu Dr. George Vella President ta' Malta għal nhar is-Sibt 26 ta' Ġunju.

**25.3.02** Kopja ta' artiklu dwar l-Għasri li deher fit-Times of Malta nhar it-Tnejn 16 ta' Ġunju dwar żvilupp fuq art ODZ.

**25.3.03** Skema Lokali -Libreriji fil-Lokalita' 2021 mir-Reġjun ta' Għawdex. Il-Kunsill ser japplika għal aktar xkaffar u mejda.

**25.3.04** Ċirkulari Numru 5/2021 Konsultazzjoni dwar Politika għall-Gvern Lokali 2021. Il-Kunsill jista jagħti *feedback.*

**25.3.05** Ċir AKL 2021/057 *Temporary and reversible permit whereby catering establishments will be allowed to use adjacent public space as an Outdoor Catering Area.* Din ma tapplikax fl-Għasri.

**25.3.06** Ċir AKL 2021/058 Tnedija tal-Proġett sabiex jiġi kkontrollat il-ħamiem fil-lokalitajiet.

**25.3.07** Ċir AKL 2021/047 Kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet. Il-Kunsilli ġew mitluba sabiex jagħmlu *Bye Law* li jipprojbixxi għalf lill-ħamiem. Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li dan mhux il-każ f'Għawdex speċjalment fl-Għasri. Il-ħamiem selvaġġ qed jiekol minn ġol-għelieqi u mhux għax in-nies jgħalfu. Din għandha tiġi diskussa f'laqgħa tar-reġjun.

**25.3.08** Emejl mingħand il-LESA fejn il-Kunsill ġie nformat li ma kienx ġie magħżul fl-iskema "Ninvestu fil-Komunita'". Il-Kunsill kien applika biex jixtri trakk tal-elettriku għall-Kunsill.

**25.3.09** Skema 2021-2022 biex isir ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-Komunita "Steward" għat-trattament xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

**25.3.10** Dokument mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għall-fondi tal-Kunsill għall-*area* ta' rikreazzjoni. L-applikazzjoni tagħna ġiet aċċettata u qeda fil-proċess.

**25.3.11** Emejl mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar proposta mingħand il-Gozo Tourism Association biex Għawdex kollu jiġi meqjus bħala "Tourist Area " u b'hekk ma jkunx jista jsir "excavation jew demolition" matul is-sajf. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta.

**25.3.12** Emejl mingħand Iċ-Ċittadella Administration Office (Cultural Heritage Directorate) dwar wirja viżiva "on the road" fis-sena 2022 permezz ta' *boards* informattivi f'xi spazju pubbliku. Għandha ssir laqgħa dwar dan mas-Sindku.

**25.3.13** Korrispondenza mal-AKL dwar *Life Insurance Policy*. Il-Kunsill ġie nformat mid-DG li l-inizjattiva tal-AKL tmur kontra ir-regolamenti fl-artiklu 36 peress li r-regolamenti jitkellmu biss fuq assikurazzjoni *Personal Accident* u *Health Insurance Scheme*. Għalhekk il-Kunsill irtira milli jieħu sehem f'din l-iskema.

**25.3.14** Emejl mingħand l-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta dwar proposta biex il-Kunsill ma jneħħix il-ħaxix selvaġġ mill-passaġġi rurali sal-31 ta' Mejju. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta.

**25.3.15** Ċirkulari Numru 3/2021 – L-Onorarju tas-Sindku u s-Sigurta Soċjali.

**25.3.16** Ċirkulari Numru SPI/APP/6/2020 Emendi fil-Proċess għall-Amministrazzjoni ta' Proprjetà Pubblika (Devoluzzjoni).

**25.3.17** Ittra mill-*Gozo Association for the Deaf* dwar proposta dwar kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku talab biex din l-assoċjazzjoni tibgħat lista tas-servizzi tagħhom ħalli l-Kunsill ikun jista' jippubblikuhom fuq in-*newsletter* u siti soċjali tagħha.

**25.3.18** Talba għall-*bollards* mal-bankina fi Triq il-Maxribija minħabba karozzi li qed jipparkjaw fuq il-bankina. Il-Kunsill bagħat din it-talba lit-TM iżda għad m'għandux risposta.

**25.3.19** Il-Kunsill irċieva lment li minħabba karozzi pparkjati fil-kantuniera ta' Trejqet il-Farfett ma Triq il-Fanal qed ikun hemm periklu biex toħroġ minn Trejqet il-Farfett. Is-Sindku ssuġġerixxa li titwaħħal mera oppost din it-Triq. Il-Kunsill għandu jitlob lit-Transport Malta għal din.

## 25.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**25.4.01** Wara li l-Kunsill ġie nformat mill-pulizija li l-għassa tal-Għasri ser tingħalaq permanenti u l-proprjetà fi stat li hi ser tingħata lura lis-sid. Dan is-sit jinsab fi stat ħażin ħafna għaliex qatt ma sar manutenzjoni fuqu. Il-Kunsillier Liza Mintoff informat lill-Kunsill li ġiet informata li jeżisti kuntratt mal-pulizija dwar il-kirja tal-proprjetá tal-pjazza. Din għandha tagħti kopja ta' dan id-dokument lis-Sindku.

**25.4.02** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace informa lill-Kunsill li hu attenda l-laqgħa tar-Regjun Għawdex. F'din il-laqqħa ġie diskuss li l-Kunsilli Lokali ġew mitluba biex jipprovdu uffiċċjal waqt il-ħin tal-ftuħ u għeluq tal-iskejjel minħabba *road safety*. Il-Kunsill ma qablux ma dan.

**25.4.03** Il-Kunsillier Sammy Saliba talab sabiex isir *patching* fi Triq Ta' Wied il-Mielaħ.

## 25.5 Ittra ta' direzzjoni u risposta;

**25.5.01** Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-ittra ta' direzzjoni u r-risposta. Is-Sindku rrimarka li l-ittra ta' direzzjoni ma kienx fiha nuqqasijiet minn naħa tal-Kunsill.

## 25.6 Kuntratt tal-Green MT – Servizz ta' Ġbir ta' Skart Riċiklabbli;

**25.6.01** Il-kuntratt tal-ġbir ta' skart riċiklabbli skada u għalhekk is-segretarja ħadet ħsieb titlob għall-*expression of interest* mingħand iż-żewġ kuntratturi li jipprovdu dawn is-servizzi. Kumpanija waħda biss (Il-Green MT) irrispondiet. Il-Kunsill approva li jiġi iffirmat dan il-kuntratt.

## 25.7 Regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar l-Iskart -*Recycling Bins*;

**25.7.01** Il-Kunsill irċieva notifika mingħand l-ERA dwar emenda tar-regolamenti dwar l-iskart. Dan ir-regolament jobbliga lill-Kunsill Lokali tal-Għasri biex jipprovdi spazju minn tal-inqas sett wieħed ta' *Recycling Points* fil-lokalita'. Il-Kunsilliera qablu li dawn għandhom jitpoġġew fi Triq il-Fanal ħdejn il-karrozzi tal-kiri.

## 25.8 Approvazzjoni tar-Rapport ta' Kull Kwart (Jannar-Marzu 2021);

**25.8.01** Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

## 25.9 *Swim Zone* fil-bajja ta' Wied l-Għasri;

**25.9.01** Il-Kunsill kien talab sabiex issir *swim zone* fil-bajja ta' Wied l-Għasri. Din it-talba saret lil Transport Malta fis-sena 2020. Huma talbuna biex nibgħatu *reminder*. Din is-sena wara li bgħatna żewġ *reminders* ġejna nformati li din trid

issir mill-Kunsill wara li l-Kunsill jakkwista permess minn TM. Għal dan il-għan il-Kunsill ser jaħtar perit biex jimla l-applikazzjoni u wara jiġbor kwotazzjonijiet biex isiru l-installazjonijiet neċessarji meta joħroġ il-permess. Il-Kunsilliera mmarkaw is-sit fejn għandhom isiru l-blalen.

## 25.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti; u

**25.10.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-25 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskedi kif ippreżentati ġew aċċettati mill-Kunsill. Kopji ta' dawn l-iskedi qed jinhemżu mal-minuti.

## 25.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**25.11.01** Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 16 ta' Lulju fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, il-Ġimgħa 18 ta' Ġunju 2021.

**FFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**FFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv